


## 1913 - 2013

# Mitt sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' Malta

**Marlene Mangion**

Hu minnu li ż-żjarat tal-Papa f'Malta, fosthom il-beatifikazzjoni tal-ewwel tliet beati Maltin huma fost l-akbar ċelebrazzjonijiet tal-massa li qatt saru f'Malta marbuta mal-Knisja Kattolika. Imma preċiżament mitt sena ilu kienet ġiet organizzata attività tal-massa, li, sal-lum, għada meqjusa bħala waħda mill-akbar ċelebrazzjonijiet reliġjużi li qatt saru, u li rat is-sehem ta' diversi kardinali u isqfijiet minn madwar id-dinja.

Din iċ-Ċelebrazzjoni kienet Il-Kungress Ewkarisitku li, l-ewwel darba li sar, kien fi Franza tnejn u tletin sena qabel ma kien sar f'Malta, minn Isqof Franċiż Mons. Gaston de Segur, li ried jara l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata. Maż-żmien, il-Kungress kiber u sar ċelebrazzjoni internazzjonali, fejn numru kbir ta' nies jinġemgħu biex jiċċelebraw l-Ewkaristija.

Peress li din is-sena jaħbat l-ewwel ċentinarju minn meta nżamm f'Malta l-Kungress Ewkaristiku, wieħed mhux ħlief jaqra u jisma' dwar dan il-Kungress. Fil-ktieb li aħna ppubblikajna għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija, diġà tajna informazzjoni dwar dan l-avveniment, imma l-enfasi kienet fuq il-Monsinjur Pawlu Mallia li kien mill-Gudja u li, fi żmien il-Kungress kien l-Arċipriet tal-parroċċa tal-Mosta, fejn propju saru ħafna mil-laqgħat importanti tal-Kungress. Kien bejn it-22 u s-27 t'April tas-sena 1913, meta għajnejn id-dinja kattolika kienu mitfugħin kompletament fuq il-gżira ta' Malta, il-Gżira ta' San Pawl, li kienet għada kif laqgħet wieħed mill-akbar appuntamenti reliġjużi importanti li kienu jsiru f'dawk is-snin, l-erbgħa u għoxrin darba li sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.

## X'inhu Kungress Ewkaristiku?

Kungress Ewkaristu huwa bħal simposju li għalih jiltaqgħu ħafna reliġjużi dinjitarji f'massa kbira, u l-għan ewlieni jkun li jaduraw u jagħtu qima lis-Sagrament Imqaddes tal-Ewkaristija, il-veru ġisem u l-veru demm ta' Sidna Ġesù Kristu Alla. Barra l-adorazzjoni jkun hemm diversi laqgħat fuq temi reliġjużi importanti ħafna dwar il-liturġija u fuq il-qagħda tar-reliġjon kattolika fid-dinja, u s-sinifikat tal-ewkaristija fil-ħajja soċjali tagħna ta' kuljum. Kif se naraw iktar 'il quddiem f'din il-kitba, l-Innu sabiħ li bih beda jingħata qima s-Sagrament Imqaddes taħt il-forma tal-Ostja kien "T'Adoriam Ostia Divina", kliem li jfissru "Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema", innu li f'Malta għadna nkantawh sal-lum. Il-versi ta' dan l-innu huma ta' Dun Karm Psaila u l-mużika hi tas-surmast Ġużeppi Caruana. Dan l-innu sar l-innu mondjali għall-kattoliċi biex iqimu s-Sagrament Imqaddes.

Kungress Ewkaristiku jsir fuq skala Internazzjonali u jiġi organizzat mid-djoċesi lokali bi sħab mas-Santa Sede u jkun ippjanat li jiġbor fih diversi pellegrini minn madwar id-dinja kollha. Dak li sar f'Malta fl-1913 kien fuq skala internazzjonali u għalhekk kien verament importanti. Min-naħa l-oħra F'Għawdex ġew organizzati xi Kungressi Ewkaristiċi Djoċesani lokali, u wieħed minnhom sar fl-1929. Għal dak iż-żmien tal-1913, Kungress Ewkaristiku internazzjonali tant kien importanti li kien jiġi organizzat kważi darba kull sena. Illum qegħdin isiru kull erba' snin. L-aħħar wieħed li sar kien fis-sena li għaddiet f'Dublin, l-Irlanda u kien il-ħamsin edizzjoni.

Kif għidna iktar 'il fuq, l-ewwel Kungress Ewkaristiku sar ġewwa Franza, fil-belt ta' Lille, fil-21 ta' Ġunju 1881, organizzat mill-Isqof Mons. Gaston de Segur. Dakinhar kien sar għan-nies ta' dik il-lokalità u għaldaqstant l-attendenza kienet modesta ħafna. Fis-sena 1882 sar f'Avignon u fl-1883 sar f'Liege, il-Belġju. Ir-raba' Kungress sar fl-Iżvizzera, sewwa sew fi Fribugu fl-1885.

Minn hawn il-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali saru avvenimenti importanti ħafna. Fl-1893, il-Kungress sar f'Ġerusalem u dan il-Kungress kien importanti ħafna għaliex il-Knisja Kattolika għamlet pass 'il quddiem biex resqet lejn il-Knisja Ortodossa. Din ir-rabta baqgħet soda anke fis-snin ta' wara. F'dan il-Kungress, kif kien xieraq isir f'dik l-art qaddisa li fiha twieled Sidna Ġesù Kristu, saret adorazzjoni ewkaristika fil-Ġnien tal-Ort, il-ġnien li fih Ġesù għamel lejl sħiħ jitlob mad-dixxipli magħżulin tiegħu qabel ma qabduh is-suldati biex ħaduh għall-kundanna tiegħu.

Matul is-snin, kien hemm żewġ okkażjonijiet li fihom inqalgħu l-problemi. Dawn kienu fi Franza u l-Ingilterra. Fi Franza fl-1904, kien hemm xi liġijiet li ma ħallewx isiru ċerti tipi ta' purċissjonijiet u f'Londra, fl-1908, min-naħa l-oħra saru xi protesti mill-protestanti u kellha tiġi mħassra l-purċissjoni bis-Sagrament, imma din saret xorta però mingħajr Sagrament. Ingħatat biss il-Barka Sagramentali fl-aħħar tal-purċissjoni. Din l-okkażjoni kienet meqjusa bħala rebħa għall-Knisja Kattolika, għax wara tant snin ta' persekuzzjoni, irnexxielhom jidħlu l-Ingilterra ħafna Kardinali, Isqfijiet, saċerdoti u pellegrini.

Għall-Kungress, li sar Londra fl-1908, kien preżenti l-Markiż malti, Dott. Alfredo Mattei. Dan stagħġeb bl-organizzazzjoni li kienet tinħtieġ biex ittella' Kungress Internazzjonali. Kien ilu jixtieq li Kungress bħal dan isir xi darba f'Malta. Imma f'Malta kien hawn faqar kbir dak iż-żmien, għalhekk kien iħoss li kien impossibbli. Dott. Alfredo Mattei ma qatgħax qalbu, ra kif għamel biex ikellem lis-Segretarju tal-Arċisof ta' Westminster, u lura f'Malta kellem lill-Isqof ta' Malta, Mons. Pietru Pace. Għalkemm lill-Isqof ta' Malta għoġbitu l-idea, ma seta' jagħmel xejn. Sentejn biss wara, però, wasal iċ-ċans li l-Kungress isir f'Malta. L-Isqof Bourne ta' Londra, l-istess wieħed li kien organizza l-Kungress f'Londra, ġie msejjaħ mill-Papa ta' dak iż-żmien, Papa Piju X, biex imur Ruma. Hemm inħatar Kardinal. Hu u sejjer lura Londra, il-Kardinal il-ġdid, Bourne, ġie jżur Malta. Ġie milqugħ b'ferħ



kbir mill-maltin u hu baqa' mistagħġeb b'dan. Dawwruh ma' diversi knejjes maltin, u ma jistax jonqos li ħaduh ukoll iżur il-Konkatidral ta' San Gwann u l-Katidral Metropolitan tal-Imdina. L-Isqof Mons. Pietru Pace kellmu fuq ix-xewqa li kellu li jsir Kungress Ewkaristiku Internazzjonali hawn f'Malta. Il-Kardinal Bourne, li kien impressjona ruħu bil-fidi tal-maltin, u bit-tislima mill-qalb li kienu tawh lilu stess, ammetta li kien jixraq li f'hawn Malta jittella' Kungress simili, u wegħdhom li jgħinhom mill-aħjar li kien jista'.

Mingħajr telf ta' żmien, l-Isqof Malti, Pietro Pace, kiteb lill-President tal-Kumitat Permanenti tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, Mons. Tommaso Heylen. It-talba ta' Mons. Pace ġiet milqugħa bil-ferħ fis-17 ta' Frar, 1912. L-Isqof Pace għarraf lill-poplu malti b'din l-aħbar f'ittra pastorali li ħareġ għall-okkażjoni tal-Festa tal-Għid tal-istess sena, li biha stqarr li din kienet "grazzja tassew sublimi". Dan il-Kungress kellu jkun l-24 wieħed.

L-Isqof Pace minnufih laqqa' kumitat ġenerali u sotto-kumitati, b'kollox madwar 300 persuna. Dawn kienu saċerdoti u lajċi. L-Isqof Awżiljarju Mons. Angelo Portelli O.P. kellu f'idejh il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet, purċissjonijiet, armar u dekorazzjonijiet reliġjużi. Kellu wkoll f'idejh il-problema li jsib akkomodazzjoni għall-viżitaturi u kungressisti li kellhom jiġu minn barra. Bħala preparament għal dan il-Kungress, saru diversi korsijiet u eżerċizzi għal kulħadd. Sa ġiet stampata talba speċjali biex ingħatat lill-familji Maltin biex tingħad fid-djar u fil-knejjes, biex b'hekk joħroġ l-iktar ġid spiritwali possibbli mill-Kungress Ewkaristiku.

Il-Papa Piju X ħatar lil Kardinal Domenico Ferrata bħala Legat għal dan il-Kungress Ewkaristiku. Dan ġara fil-5 ta' Diċembru, 1912. Meta din l-aħbar waslet f'Malta, il-maltin ferħu ħafna b'dan, għax il-Kardinal Ferrara kien diġa' ġie Malta għall-inkoronazzjoni tal-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Fit-22 ta' April, 1913, (mitt sena ilu) il-Kardinal Ferrata wasal Malta u ttieħed il-Furjana fejn kellu merħba mill-Isqof Pace. Wara ttieħed il-Konkatidral ta' San Ġwann b'korteo reliġjuż, akkumpanjat ukoll minn tlett baned, dik ta' *Prince of Wales* tal-Birgu, flimkien mal-baned *La Vallette* u *King's Own* tal-Belt.

Sebaħ **L-ewwel Jum tal-Kungress, l-23 ta' April, 1913**. Il-Kardinal Ferrata ttieħed il-Mosta fejn iltaqa' mal-Arċipriet tal-post, Mons. Pawlu Mallia. Fil-Knisja kien hemm bosta Kardinali, Isqfijiet u kungressisti jistennewhom. F'din il-laqgħa għamel id-diskors tiegħu l-Kardinal Ferrata fuq it-tema tal-miġja ta' San Pawl f'Malta. Warajh tkellmu l-Arċisqof Pace, l-Isqof Awżiljarju Ang Portelli, u xi persuni distinti oħrajn. Filgħaxija tard ingħatat il-Barka Sagramenti fil-Konkatidral ta' San Ġwann, u billejl saret velja ta' adorazzjoni u talb fil-Knisja ta' San Pawl, il-Belt.

**Fit-tieni jum tal-Kungress**, saret quddiesa għat-tfal li għamlu l-preċett dik is-sena f'Malta kollha. Kien hemm madwar 15,000 tfal, subien u bniet. Din il-quddiesa saret fil-Knisja ta' San Publiju, tal-Furjana fis-7.00 ta' filgħodu. Il-Kardinal stagħġeb bin-numru kbir ta' tfal. Fil-purċissjoni li kellhom sal-Belt, it-tfal, ta' tfal li huma, għamlu xi ftit storbju imma l-Kardinal ggustahom u għamel kumment li l-istorbju li għamlu kien pjaċevoli. Saret quddiesa oħra Pontifikali siegħa wara, fit-8, fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Fl-istess ħin saret quddiesa kemm fil-Knisja tal-Isla, kif ukoll f'dik ta' Birkirkara. Saru diversi laqgħat f'diversi knejjes tal-Belt, saħansitra b'lingwi differenti għal xi barranin li attendew.

**Fit-tielet jum tal-Kungress**, il-Kardinal Ferrata mexxa quddiesa Pontifikali fil-Katidral tal-Imdina. Dakinhar il-Katidral ma kienx kbir biżżejjed għall-folla li attendiet, saħansitra l-pjazza ta' quddiemu kien imbuļļata bin-nies, ħerqana li juru l-fidi tagħhom. Wara nofsinhar saret laqgħa ġenerali fir-Rotunda tal-Mosta. Hemmhekk inqara telegramm li kien intbagħat minn Papa Piju X li fih faħħar ix-xogħol li sar biex jirnexxi dan il-Kungress. Hawnhekk il-folla infexxet iċċapċap u tgħajjat "Viva l-Papa".

**Fir-raba' jum tal-Kungress**, filgħodu, fis-7 sar tqarbin ġenerali għall-istudenti fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt, u għall-membri tal-għaqda *Figlie di Maria* fil-Knisja ta' San Duminku, fil-Belt ukoll. Fit-8 sar quddies Pontifikali f'parroċċi differenti minn Kardinali u Isqfijiet differenti li kienu qegħdin hawn Malta għall-Kungress. Għall-ħabta ta' nofsinhar, saret l-aħħar laqgħa li fiha saru diskori minn persuni distinti fil-Knisja tal-Mosta. Għalaq din il-laqgħa, kif kien xieraq, il-Kardinal Ferretti, Legat tal-Papa, u beda billi rringrazzja lil kulħadd għax-xogħol kbir li sar biex dan il-Kungress jirnexxi. Wara, l-Isqof Awżiljarju Ang Portelli, ippreżenta kalċi bħala rigal lill-Kardinal Ferrata f'isem il-poplu malti kollu. Fil-5 ta' filgħaxija, fil-Port il-Kbir, ingħatat barka fil-beraħ, u folla kbira attendiet. Kulħadd niżel għarkubtejh, min max-xatt, min fuq id-dgħajjes, u saħansitra madwar it-tlett ibliet. Kien mument emozzjonali ħafna - inżul ix-xemx, il-qniepen tal-knejjes idoqqu, u kotra kbira ta' nies jitolbu u jkantaw innijiet ewkaristiċi. Kien hemm ukoll ħruq ta' nar piroteknikù.

Il-Ħadd 27 ta' April, **L-aħħar Jum tal-Kungress**, beda bi Tqarbin a Ġenerali fil-Knejjes kollha ta' Malta. Fit-8 ta' filgħodu saret quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann mill-Kardinal legat tal-Papa, Domenico Ferrata, u warajha ngħatat il-Benedizzjoni Papali. Wara din iċ-ċeremonja saret proċessjoni sal-Furjana. F'din il-purċissjoni ħadu sehem diversi entitajiet ta' Malta u Għawdex, membri tal-kleru, il-Kapitli tal-Katidral ta' Malta u Għawdex, kongregazzjonijiet, soċjetajiet kattoliċi, kleru, kappillani u l-poplu. Fejn illum insibu l-Funtana tat-Tritoni, li dak iż-żmien kienet pjazza kbira, tqegħdet tribuna kbira ħafna li minn fuqha ngħatat il-Barka Sagramentali, u wara tkantaw innijiet ewkaristiċi, u fl-aħħar tkanta l-Innu ta' Tifħir lil Alla, it-Te Deum. Għeluq tassew xieraq u denju għal Kungress Ewkaristiku li impressjona lil kulħadd, speċjalment lill-barranin.

Il-Kungress kien irrapurtat f'ġurnali barra minn Malta, fosthom f'The Examinor', gazzetta fl-Awstralja, li rrapurtat il-Kungress għal aktar minn darba. Fost ġurnali oħra kien hemm ukoll L'Osservatore Romano li qal li minkejja ċ-ċokon tal-pajjiż, xorta waħda Malta kapaċi torganizza attivitajiet tal-massa bħal dawn daqs bliet oħra bħal Pariġi, Londra u Madrid.

Dan il-Kungress, li din is-sena jaħbat il-100 anniversarju minn mindu sar hawn Malta, jagħmilna kburin li kellna antenati tant kapaċi li, fi gżira ċkejkna bħal ma hi Malta, u fi żmien li kien għad hawn faqar kbir, kienu kapaċi jorganizzaw dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Il-Kungress li jmiss ikun il-51 wieħed, u mistenni jkun organizzat fl-2016 fil-Filippini.